***Ruling*** **mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 196 tal-5 ta' Novembru 2014 dwar min għandu d-dritt jagħmel mistoqsijiet lill-Membri tal-Eżekuttiv fil-Kamra**

Fis-Seduta 195 tal-4 ta' Novembru 2014, hekk kif l-Onor Carmelo Abela għamel mistoqsija dwar l-istqarrija ministerjali li kien għadu kif ta l-Prim Ministru, il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Simon Busuttil u l-Onor. David Agius qajmu punt dwar jekk l-Onor Abela, bħala l-Kelliem Uffiċjali tal-Gvern setax jagħmel tali domandi, u nikkwota:

> "**ONOR. SIMON BUSUTTIL (Kap tal-Oppożizzjoni):** Nixtieq nitlob kjarifika mingħandek, Sur President. Dan li għadu kif tkellem issa huwa l-kelliem uffiċjali tal-Gvern u għandu pakkett finanzjarju ta' €58,000. Għaldaqstant tista' tispjegalna f'liema kapaċità qiegħed jitkellem illum? Għaliex dan huwa mħallas biex iwieġeb il-mistoqsijiet magħmula lill-Gvern u mhux biex jagħmel il-mistoqsijiet lill-Gvern huwa stess! Irid jiddeċiedi xi jrid ikun fil-ħajja!
>
> **MR SPEAKER:** Għandu dritt jagħmel mistoqsijiet bħala Membru Parlamentari. L-Onor. David Agius.
>
> **ONOR. DAVID AGIUS:** Sur President, nitolbok tinvestiga ftit dan li għadu kif qal il-Kap tal-Oppożizzjoni għaliex meta aħna konna assistenti parlamentari, in-naħa l-oħra tal-Kamra ma kenitx tħallina nagħmlu mistoqsijiet bħala assistenti parlamentari f'dak il-Ministeru. Barra minn hekk, hemm il-Kodiċi ta' Etika dwar dan.
>
> Nistiednek tinvestiga wkoll jekk jistgħux isiru mistoqsijiet parlamenatri fuq hekk. Jien għandi din l-impressjoni; m'għandix il-fatti għaliex inqalgħet issa din il-ħaġa, però nitolbok tinvestiga jekk din tistax issir għaliex fil-leġiżlatura li għaddiet, min kien kelliem fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, bħalma hu llum l-Onor. Abela, ma setax jagħmel mistoqsijiet lill-istess Prim Ministru u l-istess assistent parlamentari ma setax jagħmel mistoqsijiet lill-Ministru li kellu r-responsabilità ta' dak l-assistent parlamentari."

Il-mistoqsijiet tal-Onor. Abela kienu jikkonċernaw materji li saret referenza għalihom fl-istqarrija u konklużjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li tqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra. Dawn kienu jinkludu oqsma relatati ma' "*issues* ekonomiċi u dawk fil-qasam tax-xogħol", "it-tbassir ekonomiku li ħareġ mill-Kummissjoni Ewropea għall-ħarifa fejn Malta reġgħet akkwistat ċertifikat pożittiv ħafna wara dak ta' Moody's", dwar "il-laqgħa li l-Ministri tal-Finanzi se jkollhom fis-7 ta' Novembru biex jiddiskutu l-mekkaniżmu tal-aġġustament skont l-istatistika" u dwar "il-potenzjal ta' investiment bejn Malta u Singapor".

Bi tweġiba għar-rimarki tal-Kap tal-Oppożizzjoni u tal-Onor. David Agius, il-Prim Ministru qal hekk:

> **"ONOR. JOSEPH MUSCAT:** Sur President, l-ewwel nett irrid nirringrazzzja lil kull minn ħa sehem tal-mistoqsijiet li għamlu, inkluż l-Onor. Carmelo Abela. Jien m'għandix problema li kulħadd jagħmel il-mistoqsijiet kollha li jkun irid. Infakkar lill-Onor. kollega li dak kien dokument li kien ħareġ il-Gvern preċedenti dwar kif jirregola l-invenzjoni – qed ngħid invenzjoni f'sens tajjeb – tal-assistent parlamentari, u din ma tidher imkien fir-regoli tagħna. Dan kien biss mod ta' kif

jirregola ruħu l-Gvern ta' qabel. Il-kelliem għall-Gvern jitkellem għall-Gvern barra l-Parlament. Naħseb din hija xi ħaġa ovvja u ma naħsibx li għandha tipprekludih milli jagħmel il-mistoqsijiet. Però nħalli f'idejn l-Ispeaker, ma nidħolx f'din il-kwestjoni għalkemm naħseb li hija ċara ħafna."

Fl-eżami tagħha dwar il-punti mqajma, is-Sedja rat x'kien ġie deċiż meta kwestjoni simili kienet inqalgħet fil-Kamra fir-rigward tal-Assistenti Parlamentari u l-jedd tagħhom li jagħmlu mistoqsijiet parlamentari u supplimentari fil-Kamra. Din il-materja ġiet trattata f'ċertu dettall fir-*rulings* li kien ta l-Ispeaker Michael Frendo fis-seduta 322 tas-7 ta' Marzu 2011 u fis-seduta 357 tat-2 ta' Ġunju 2011. Is-Sedja tifhem li l-Onor. Agius kien qed jirreferi għal dan fl-intervent tiegħu.

Fis-seduta 322 l-Ispeaker kien qal li:

> "Fl-Ordnijiet Permanenti tagħna ma hemm xejn li jgħid b'mod ċar li Ministru jew Segretarju Parlamentari ma jistax jagħmel mistoqsijiet parlamentari u kemm l-Ordni Permanenti 27 u 28 jagħmlu referenza għal 'Membru' li b'mod ġeneriku tinkludi kull membru ta' din il-Kamra. Imma hija prassi kostanti u huwa assolutament paċifiku fit-tradizzjoni ta' din il-Kamra li membru tal-Eżekuttiv, Ministru jew Segretarju Parlamentari, ma jistax jagħmel mistoqsija parlamentari kemm fl-istadju tal-mistoqsijiet prinċipali kif ukoll dawk supplimentari. Fil-fehma tas-Sedja, dan wieħed jista' wkoll jiddeduċih minn qari tal-Ordnijiet Permanenti 27, 28 u 29 kkonsidrati flimkien (kif diversi drabi jridu jiġu kkonsidrati l-Ordnijiet Permanenti biex tissielet tifsira koerenti) fejn jidher li l-leġiżlatur f'dak il-każ qed jiddistingwi bejn Membru minn naħa l-waħda u Ministru u Membru responsabbli minn xi xogħol tal-Kamra min-naħa l-oħra.
>
> Is-Sedja rat ukoll il-Kostituzzjoni ta' Malta u in partikolari Kapitlu VII - L-Eżekuttiv - li fih issir referenza biss lill-figuri kostituzzjonali eżekuttivi tal-President ta' Malta, tal-Prim Ministru, tal-Ministri (inklużi Ministri Temporanji), u tas-Segretarji Parlamentari u dawn kollha jridu jieħdu l-ġurament qabel ma jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tagħhom (Kapitlu VII, Kostituzzjoni ta' Malta). Dawn biss huma l-karigi li huma indikati li jiffurmaw parti mill-Eżekuttiv skont il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-eżerċizzju ta' dawn il-karigi ma jistax jibda qabel ma jittieħed il-ġurament dovut. Assistent Parlamentari ma jiffigurax fir-regolamentazzjoni tal-Eżekuttiv mill-Kostituzzjoni ta' Malta."

Dakinhar is-Sedja kkonkludiet hekk:

> "Għalhekk jidher ċar għas-Sedja li n-natura tal-Assistent Parlamentari, irrispettivament minn jekk ikollux remunerazzjoni jew le, hija konformi ma' dik tal-Parliamentary Private Secretary fir-Renju Unit u, konsonanti mal-Ordni Permanenti 197, hija l-esperjenza tal-*House of Commons* li għandha tiggwidana hawnhekk.
>
> Bħalma jiġri fl-istess House of Commons, il-Kodiċi tal-Etika adottat fl-istess waqt tal-ħatra ta' Assistenti Parlamentari f'Malta jagħmilha ċara li Assistent Parlamentari m'għandux jagħmel mistoqsija parlamentari dwar il-Ministeru li miegħu huwa marbut. Dan il-Kodiċi ta' Etika

tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra u huwa redatt bħala estensjoni tal-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari maħruġ mill-Kabinett tal-Ministri. Għalhekk huwa ċar li l-prinċipji li huma applikati fil-House of Commons għal Parliamentary Private Secretary huma applikabbli wkoll f'pajjiżna għall-Assistent Parlamentari, u ċjoè, li dan jibqagħlu l-fakultajiet kollha li għandu kull Membru Parlamentari imma skont il-Kodiċi ta' Etika (Dokument 4270 mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra) huwa "m'għandux jagħmel stqarrijiet u mistoqsijiet fil-Kamra dwar materji marbuta mal-Ministeru fejn ikun qed iservi"."

Is-Sedja tinnota li fil-każ ċitat hawn fuq, is-Sedja kif diversament preseduta, finalment ibbażat id-deċiżjoni tagħha fuq kariga eżistenti fir-Renju Unit li tqieset li kienet konformi mal-kariga ta' assistent parlamentari u fuq dak li joħroġ minn emenda għall-Kodiċi ta' Etika tal-Ministri u Segretarji Parlamentari li kien ġie mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra fl-24 ta' Marzu 2010, u li kien ikopri l-kariga uffiċjali ta' Assistenti Parlamentari, liema kariga kienet istitwita fil-leġiżlatura preċedenti u mhux applikata f'dik preżenti.

Kien għalhekk li sar kuntatt mal-Clerk of the Overseas Office fid-Department of Chamber & Committee Services tal-House of Commons, minn fejn ħareġ li fir-Renju Unit jidher li ma teżisti l-ebda kariga li tista' titqies li hija konformi għal dik ta' kelliem uffiċjali tal-gvern. Jeżistu pożizzjonijiet li jingħataw lil *backbenchers* - bħal dik ta' 'Prime Minister's Envoy' fuq materji partikolari - liema pożizzjonijiet m'għandhom l-ebda effett fuq kif jiġi trattat *backbencher* fil-Kamra.

Għalhekk il-Kamra tifhem li s-Sedja din id-darba m'għandhiex il-komfort la ta' kariga konformi fir-Renju Unit u wisq anqas ta' kodiċi ta' etika li jirregola l-kariga partikolari li għandu l-Onor. Abela u għaldaqstant ma tistax, fl-assenza ta' tali kodiċi, tillimita b'xi mod lill-Onor. Carmelo Abela milli jaqdi d-doveri tiegħu f'din il-Kamra bħala Membru Parlamentari elett, u li allura jinkludu wkoll dak provdut fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra 26, 27 u 28.